VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,051, 4 ta' Settembru, 2018
Taqsima B

A.L. 291 tal-2018

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu r-Regolamenti tal-2018 dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq.

TAQSIMA I
DISPOSIZZJONIJIET PRELIMINARI

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, l-espressjonijiet li ġejjin għandhom it-tifsiriet li ġejjin:

Kap. 588.

"l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta kif stabbilita taħt l-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta;

"applikant" tfisser il-persuna li tikkummissjona x-xogħlijiet f'toroq u tinkludi l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni għal permess għal xogħlijiet f'toroq;

"awditjar tas-sigurtà fit-toroq" tfisser verifika indipendenti, dettaljata, sistematika u teknika tas-sigurtà li tirrelata mal-karatteristiċi tad-disinn ta' proġett ta' infrastruttura tat-toroq u li jkopri l-istadji kollha mill-ippjanar sa meta jibda jopera;

Kap. 499.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

Kap. 552.

"l-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar" tfisser l-Awtorità ta' Malta għalll-Ippjanar imwaqqfa taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżilupp;

"bini residenzjali" tfisser struttura użata biex jgħixu fiha persuna jew persuni u tinkludi kull dar, mezzanin, garaxx, kamra, maħżen jew bini ieħor;

"evalwazzjoni tal-impatt tas-sigurtà fit-toroq" tfisser analiżi

VERŻJONI ELETTRONIKA

strateġika komparattiva tal-impatt ta' triq ġdida jew ta' modifikazzjoni sostanzjali tan-netwerk eżistenti fuq il-prestazzjoni tas-sigurtà tan-netwerk tat-toroq;

"fornitur ta' servizz tal-komunikazzjonijiet" tfisser operatur li jipprovdi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi billi juża, għal dak l-għan, faċilitajiet mqiegħda fi triq pubblika jew taħt jew fuq triq pubblika;

"fornitur ta' servizzi ta' utilità" tfisser awtorità jew intrapriża, li n-negozju primarju tagħha jkun li tipprovdi l-elettriku jew il-gass jew l-ilma jew id-drenaġġ lill-pubbliku. Il-fornitur ta' servizzi ta' utilità jista' jkun jappartjeni lill-Gvern, jew ikollu sid pubbliku jew privat;

"impriża" tfisser kull entità, inkluż kull persuna, imdaħħla f'attività ekonomika, ikun x'ikun l-istatus legali tagħha u l-mod li bih tkun finanzjata;

"inħawi abitati" tfisser inħawi fejn ikun hemm ġabra ta' bini residenzjali li fih ikunu joqogħdu jew jistgħu joqogħdu iżjed minn mitt ruħ, jew kull żona oħra speċifikata bħala mill-Ministru b'konsultazzjoni mal-Awtorità;

"klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet b'konċentrazzjoni għolja ta' aċċidenti" tfisser metodu biex jiġu identifikati, analizzati u klassifikati taqsimiet tan-netwerk tat-toroq li jkunu ilhom jintużaw għal aktar minn tliet snin u li fihom ikun seħħ numru kbir ta' aċċidenti fatali fi proporzjon mal-fluss tat-traffiku;

"klassifikazzjoni tas-sigurtà tan-netwerk" tfisser metodu biex jiġu identifikati, analizzati u klassifikati partijiet min-netwerk tat-toroq eżistenti skont il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp tas-sigurtà u għall-evitar ta' spejjeż kaġunati minn aċċidenti;

"Kunsill Lokali" tfisser kunsill ta' gvern lokali mwaqqaf skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"kuntrattur" tfisser impriża li jkollha l-mezzi professjonali u tekniċi biex twettaq xogħlijiet f'toroq u li kull sena tipprovdi lill-Awtorità b'garanzija bankarja li tista' tammonta sa' massimu ta' ħmistax-il elf euro (€15,000);

"linji gwida" tfisser miżuri adottati mill-Awtorità li jistabbilixxu l-passi li għandhom jiġu segwiti u l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati fl-applikazzjoni ta' proċeduri ta' sigurtà stabbiliti fit-Taqsima II;

"manutenzjoni" fir-rigward ta' toroq pubbliċi tinkludi t-titjib u l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

immaniġġar;

"manutenzjoni ta' rutina f'toroq" tfisser azzjonijiet li jittieħdu fuq bażi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinżammu fi stat sigur u tajjeb għall-użu, azzjonijiet li jittieħdu biex fejn possibbli triq ma titħalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittieħdu biex il-wiċċ ta' triq u l-ġnub tagħha jinġiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, iżda mhijiex limitata għal, mili ta' ħofor, traqqigħ tal-wiċċ, l-għeluq u l-mili ta' xquq, it-tindif ta' toroq abitati, katusi u kanali għall-ilma; l-istallar ta' sinjali u sinjalaġġ tat-traffiku; tibdil ta' sinjali u marki fit-toroq li jkunu tħassru, kontroll ta' ħxejjex u veġetazzjoni fil-ġenb tat-triq; tindif tal-ġnub ta' triq; tiswija ta' bankini;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-toroq;

"netwerk tat-toroq trans-Ewropew" tfisser in-netwerk tat-toroq identifikat fit-Taqsima 2 tal-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-Linji Gwida tal-Komunità għall-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew tat-trasport;

"okkupant" tfisser kull persuna li leġittimament ikollha fil-pussess tagħha jew tkun qiegħda teżerċita kontroll fuq art;

"perjodu ta' tkomplija" tfisser il-perjodu speċifikat li fih ix-xogħlijiet kollha koperti bil-permess iridu jiġu kompluti;

"permess" tfisser permess għal xogħol fi triq li jkun meħtieġ mingħand l-Awtorità taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"persuna" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika;

"pjan lokali" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 552.

"proġett ta' infrastruttura" tfisser proġett għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tat-toroq jew modifikazzjoni sostanzjali fin-netwerk eżistenti li taffettwa l-fluss tat-traffiku, kompriżi, imma mhux limitati biss għal, skemi ta' maniġġar tat-traffiku;

"skemi għall-immaniġġar tat-traffiku" tfisser skemi għall-immaniġġar tat-traffiku f'diversi avvenimenti b'tagħqid u taħlit ta' ippjanar tan-*network* u miżuri ta' inġinerija biex tiżdied is-sigurezza fit-toroq, bil-għan li jonqsu l-effetti avversi mit-traffiku motorizzat inklużi senjaletika għall-kontroll tat-traffiku fejn triq taqsam triq oħra, regolamentazzjoni tal-ipparkjar, ikkalmar tat-traffiku, titjib fir-rotot għal min juża t-triq bil-mixi jew bir-roti, u sinjalaġġ ukoll għal xogħlijiet fit-toroq u sitwazzjonijiet temporanji;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"sid", użata dwar art u beni immobbli oħra, tfisser kull persuna li jkollha fil-pusses tagħha l-art jew kull persuna li tkun qiegħda tidher għas-sid fl-amministrazzjoni tal-art involuta, jew li tkun qiegħda taġixxi f'isem is-sid jew tkun qiegħda tassumi karattru ta' sid, skont i`-ċirkostanzi;

"sid il-proġett" tfisser persuna maħtura minn applikant għal permess għal xogħlijiet maġġuri f'toroq, li jkun responsabbli għal kollox għall-applikazzjoni u li l-pożizzjoni tiegħu fi ħdan l-entità li tkun qiegħda tapplika tagħti s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet waħdu f'ħin raġonevolment qasir u jagħti direzzjoni lil dawk li jkollu taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

"spezzjoni dwar sigurtà" tfisser verifika ordinarja li ssir perjodikament tal-karatteristiċi u tad-difetti li jkunu jeħtieġu xogħlijiet ta' manutenzjoni għal raġunijiet ta' sigurtà;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"*tenement*" tfisser kull bini jew art li tkun separata minn triq permezz ta' ħajt;

"taħfir" tfisser it-taħfir li jsir taħt wiċċ it-triq għall-fini ta' aċċessar, stallar, tiswija u manutenzjoni ta' utilitajiet li jkunu jinsabu taħt it-triq;

"titjib" tinkludi t-twessiegħ, allinjament mill-ġdid u l-ifformar mill-ġdid ta' toroq;

Kap. 588. "toroq arterjali u distributorji" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta;

Kap. 588. "triq" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta;

Kap. 588. "triq lokali" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta;

"triq ġdida" tinkludi fiha l-estensjoni għall-triq eżistenti;

Kap. 588. "triq privata" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta;

"triq pubblika" tfisser kull triq li mhix triq privata, u tinkludi fiha kemm toroq arterjali kemm dawk distributorji kif ukoll dawk lokali;

"l-Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"utilitajiet taħt l-art" tfisser servizz tal-elettriku, tal-komunikazzjoni, tal-ilma, tad-drenaġġ jew mezz ta' trasmissjoni li jkun installat taħt il-wiċċ ta' triq;

"xogħlijiet ta' emerġenza" tfisser xogħlijiet li jkunu meħtieġa li jsiru wara ħsarat kawżati f'servizzi ta' utilità jew komunikazzjoni li jkunu taħt l-art jew xogħlijiet li jkunu jeħtieġu li jsiru b'urġenza biex jipprevjenu jew iwaqqfu, jew inaqqsu r-riskju ta' telf, korriment jew ħsara lil persuni jew lil proprjetà;

"xogħlijiet maġġuri" tfisser xogħlijiet f'toroq li la jkunu xogħlijiet minuri u lanqas xogħlijiet ta' emerġenza;

"xogħlijiet minuri" tinkludi xogħlijiet li jkunu jikkonsistu -

(a) fl-għoti lil konsumatur ta' servizz ipprovdut minn, jew li jkun maħsub li jiġi provdut minn, fornitur ta' servizz ta' utilità jew fornitur ta' servizz tal-komunikazzjoni u li jinkludi tħaffir li ma jkunx jeċċedi medda totali ta' tliet metri kwadri;

(b) fl-użu ta' ħofra ta' aċċess għal skop ta' tħaffir ta' kanali, assessjar, tiswija, jew żamma ta' infrastruttura taħt triq mingħajr ma jiġi affettwat it-traffiku u li ma tkunx teħtieġ taħfir;

(ċ) fit-taħfir ta' ħofor kbar bi prova biex tiġi assessjata jew investigata infrastruttura midfuna;

(d) fit-tqegħid ta' xi ħaġa fit-triq li direttament jew indirettament tfixkel lit-traffiku;

(e) fl-istallazzjoni, it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' oġġetti għall-kontroll tat-traffiku u attrezzaturi f'toroq abitati li ma jkunux jeħtieġu taħfir;

(f) fil-manutenzjoni li ssir b'rutina ta' toroq lokali, distributorji u arterjali;

"xogħlijiet f'toroq" tfisser kull intervent fuq toroq eżistenti, inklużi manutenzjoni maġġura ta' toroq, it-tkissir jew ftuħ ta' triq, taħfir ta' toroq, il-kostruzzjoni jew il-kostruzzjoni mill-ġdid ta' bankini jew karreġġati, alterazzjonijiet f'karreġġati u bankini, miżuri biex jikkalmaw it-traffiku, il-kostruzzjoni jew it-tneħħija ta' stoffi tat-toroq, u kull intervent li jbiddel jew iwassal biex il-wiċċ ta' triq eżistenti jsir mill-ġdid.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA II
KOSTRUZZJONI U MANUTENZJONI TA' TOROQ

Avviż. Kap. 588.

3. Meta fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha taħt artikolu 6 tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, l-Aġenzija tkun qed tikkostruwixxi jew tikkostruwixxi mill-ġdid, titwessa' jew tiġi devjata triq li diġà tkun tezisti, l-Aġenzija għandha tippubblika avviż, akkumpanjat minn pjanta li tkun turi t-triq ġdida li tkun qed tiġi proposta jew il-parti tat-triq li tkun maħsuba li titwessa' jew li tiġi ddevjata, u l-art li minnha dik it-triq tkun se tgħaddi, fil-Gazzetta u f' kwalunkwe gazzetta.

Kodiċi ta' Prattika.

4. L-Awtorità tista' tfassal u tippubblika Kodiċi ta' Prattika bl-aħjar prinċipji ta' prattika tajba fir-rigward ta' xogħlijiet fit-toroq applikabbli għal kull persuna li tagħmel tali xogħlijiet, b'mod partikolari biex jonqsu t-tfixkil u l-inkonvenjenzi waqt xogħlijiet fit-toroq.

Konformità mal-i*standards*.

5. (1) L-iddisinjar, bini, manutenzjoni jew xogħlijiet oħra f'xi triq għandu jħares l-Istandards dwar Xogħlijiet fit-Triq li ġejjin, li għandhom ikunu aċċessibli għall-pubbliku fl-uffiċji tal-Awtorità matul il-ħinijiet normali tax-xogħol jew *online*:

(i) Volum 1- Speċifikazzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq;

(ii) Volum 2 - Linji direttivi dwar Speċifikazzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq;

(iii) Volum 3 - Dettalji dwar Bini ta' Triq;

(iv) Volum 4 - Metodu dwar Qjies għal Xogħlijiet fit-Triq u Linji Direttivi dwar Qjies ta' Xogħlijiet fit-Triq;

(v) Volum 5 - Manwal ta' Disinn għal Toroq u Pontijiet;

(vi) Volum 6 - Linji Direttivi għat-Tħejjija ta' Dokumenti ta' Disinn għall-Bini ta' Triq;

(vii) Volum 7 - Direttivi għall-Istandardizzazzjoni tal-Kostruzzjoni ta' Toroq għall-Użu tat-Traffiku.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni li tista' tiġi eżerċitata kontra xi persuna li tiddisinja jew tibni xi triq bi ksur ta' dawn ir-regolament, ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tiftiehem bħala li tagħti xi jedd lil xi persuna kontra l-Awtorità jew kontra l-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra jew kontra l-Aġenzija jew kontra xi persuna li taġixxi fil-kariga uffiċjali tiegħu jew tagħha bħala uffiċjal jew impjegat tal-Gvern jew ta' xi awtorità bħal dik hawn

VERŻJONI ELETTRONIKA

qabel imsemmija jekk ikun hemm triq li ma tkunx tikkonforma ma' kull għemil assoċjat mal-Istandards ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq stipulati f'dan ir-regolament.

Evalwazzjoni tal-impatt tas-sigurtà fit-toroq.

6. (1) L-Aġenzija għandha tara li ssir evalwazzjoni tal-impatt tas-sigurtà tat-toroq fl-istadju inizjali tal-ippjanar ta' proġetti infrastrutturali maġġuri fuq dik il-parti tan-netwerk tat-toroq nazzjonali mniżżla fit-Tielet Skeda, li għandu jintbgħat lill-Awtorità.

(2) Evalwazzjonijiet ta' impatt bħal dawk jistgħu jsiru wkoll fl-istadju inizjali tal-ippjanar ta' kull proġett ta' infrastruttura fuq il-kumplament tan-netwerk tat-toroq arterjali u distributorji.

(3) L-evalwazzjoni tal-impatt għandha ssir waqt l-istadju tal-ippjanar ta' proġett qabel ma jitlesta disinn definit u għandu kemm jista' jkun possibbli jqis l-elementi stabbiliti fl-Anness I għad-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq.

(4) Ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-impatt tas-sigurtà għandhom jiġu kkunsidrati mill-Aġenzija fil-proċess ta' ppjanar ta' proġett.

(5) Fejn ikun meħtieġ li jsir tibdil fil-proġett ta' infrastruttura ppjanat, l-evalwazzjoni tal-impatt għandha tindika l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tat-toroq li jikkontribwixxu għall-għażla tas-soluzzjoni proposta u għandha wkoll tipprovdi kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għal analiżi dwar ir-relazzjoni bejn in-nefqa u l-benefiċċju tal-għażliet differenti li jkunu ġew evalwati.

Verifika tas-sigurtà fit-toroq.

7. (1) Kull proġett ta' intfrastruttura fuq dik il-parti tan-netwerk tat-toroq nazzjonali mniżżla fit-Tielet Skeda għandu jkun soġġett għal verifika tas-sigurtà fit-toroq li għandha ssir fl-istadji differenti li ġejjin ta' proġett:

(a) il-fażi tad-disinn preliminari,

(b) l-istadju tad-disinn dettaljat u waqt il-kostruzzjoni tal-proġett,

(c) qabel ma dan jinfetaħ għat-traffiku, u

(d) madwar sena wara li jkun infetaħ għat-traffiku.

(2) Verifiki tas-sigurtà fit-toroq kif hemm fis-subregolament (1) jistgħu jsiru wkoll fuq kull proġett ta' infrastruttura fuq il-kumplament tan-netwerk ta' toroq arterjali u distributorji.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Il-verifiki tas-sigurtà fit-toroq għandhom ikunu konformi ma' *standards* maħruġa mill-Awtorità li għandhom kemm jista' jkun possibbli jilħqu l-kriterji stabbiliti fl-Anness II għad-Direttiva 2008/96/KE.

(4) Verifika tas-sigurtà fit-toroq tista' ssir flimkien ma' evalwazzjoni tal-impatt tas-sigurtà tat-toroq kif provdut taħt ir-regolament 6.

Il-verifika għandha ssir minn awdituri kwalifikati.

8. (1) Il-verifika tas-sigurtà fit-toroq għandha ssir minn awdituri kwalifikati fis-sigurtà tat-toroq imqabbda għal dan l-iskop mill-Awtorità.

(2) L-awdituri tas-sigurtà msemmija fis-subregolament (1) ma kellhomx ikunu u ma għandhomx ikunu involuti fil-pjani jew fit-twettiq tal-pro[ett ta' infrastruttura li għalih ikunu ġew imqabbda biex jagħmlu l-verifika.

(3) Huma biss dawk il-persuni li jkollhom ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ mill-Awtorità jew minn xi korp approvat mill-Awtorità jew minn awtorità kompetenti oħra fi tmiem taħriġ inizjali li għandhom jitqiesu li jkunu awdituri kwalifikati fis-sigurtà tat-toroq. Awditur jibqa' hekk kwalifikat jekk huwa jieħu sehem f'korsijiet ta' taħriġ għallinqas kull ħames snin.

(4) L-Awtorità għandha tirrikonoxxi ċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali maħruġa lill-awdituri tas-sigurtà fit-toroq qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(5) L-Awtorità għandha, tipprovdi kurrikuli ta' taħriġ għal awdituri tas-sigurtà fit-toroq.

Verifika tas-sigurtà.

9. (1) L-awditur tas-sigurtà fit-toroq li jinħatar biex jagħmel il-verifika ta' proġett ta' infrastruttura għandu jistabbilixxi elementi ta' disinn li jikkompromettu s-sigurtà f'rapport ta' verifika għal kull stadju tal-proġett.

(2) Fejn, waqt il-verifika, jiġu identifikati karatteristiċi li jkunu ta' periklu, iżda d-disinn ma jiġix rettifikat qabel tmiem l-istadju adatt kif imsemmi fl-Anness II għad-Direttiva 2008/96/KE, l-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet dwar dan f'Anness ma' dak ir-rapport.

(3) Ir-rapport imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkollu rakkomandazzjonijiet rilevanti mill-perspettiva ta' sigurtà.

Klassifikazzjoni fir-rigward tas-sikurezza fin-netwerk tat-toroq.

10. (1) Għallinqas kull tliet snin, għandha ssir mill-Awtorità klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet tat-toroq b'rati għolja ta' aċċidenti u klassifikazzjoni tas-sigurtà tan-netwerk tat-toroq, abbażi ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

reviżjonijiet tal-operat tan-netwerk tat-toroq arterjali u distributorji.

(2) Għall-fini tad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), l-Awtorità għandha tagħmel ħilitha biex tilħaq il-kriterji stabbliti fl-Anness III għad-Direttiva 2008/96/KE u għandha żżomm reġistru b'dettalji ta' aċċidenti fatali li jseħħu fuq in-netwerk tat-toroq arterjali u distributorji.

(3) Għall-fini taż-żamma ta' reġistru ta' aċċidenti fatali fuq in-netwerk tat-toroq arterjali u distributorji, l-Awtorità għandha tagħmel rapport tal-aċċident li għandu jinkludi elementi elenkati fl-Anness IV għad-Direttiva 2008/96/KE.

(4) Sezzjonijiet ta' toroq li jkunu juru priorità ogħla skont ir-riżultati tal-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet ta' toroq b'rati għolja ta' aċċidenti u mill-klassifikazzjoni tas-sigurtà tan-netwerk, għandhom jiġu evalwati minn gruppi ta' esperti permezz ta' żjarat fil-post iggwidati mill-elementi msemmija fil-partita 3 tal-Anness III għad-Direttiva 2008/96/KE. Għallinqas wieħed mill-grupp ta' esperti għandu jkun jissodisfa l-ħtiġiet tar-regolament 8(2).

(5) Sezzjonijiet ta' toroq imsemmija fis-subregolament (3) għandhom jingħataw attenzjoni rimedjali fejn għandha tingħata priorità lil dawk il-miżuri msemmija fil-partita 3(e) tal-Anness III għad-Direttiva 2008/96/KE, waqt li tingħata attenzjoni lil dawk il-miżuri li jippreżentaw l-ogħla proporzjon bejn il-benefiċċju u l-kost.

(6) L-Awtorità għandha tikkalkula l-medja tal-kost soċjali ta' aċċident fatali u l-medja tal-kost soċjali ta' aċċident gravi li jseħħu fuq in-netwerk tat-toroq nazzjonali u tista' wkoll tagħżel li tiddifferenzja r-rati tal-kost, u f'dak il-każ dawn għandhom jiġu aġġornati mill-anqas kull ħames snin.

Il-pubbliku għandu jkun avżat b'tiswijiet fit-toroq u għandhom jitpoġġew sinjali fit-toroq.

11. (1) L-Awtorità għandha tavża l-utenti tat-triq bl-eżistenza ta' sezzjoni b'rata għolja ta' aċċidenti bil-mezzi ta' komunikazzjoni u billi tqiegħed sinjali ta' twissija adatti qrib sezzjonijiet bħal dik.

(2) Fuq direttivi maħruġa mill-Awtorità minn żmien għall-żmien, l-Aġenzija għandha tara li tqiegħed u żżomm fil-post sinjali adatti biex iwissu lill-utenti tat-triq dwar partijiet minn infrastruttura tat-toroq li jkunu qegħdin jissewwew.

(3) L-imsemmija sinjali għandhom jinkludu sinjali li jkunu jidhru kemm matul il-ġurnata kif ukoll bil-lejl u għandhom jitqiegħdu f'distanza sigura u għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1968 dwar is-Sinjali u t-Tabelli tat-Toroq.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Spezzjonijiet ta' sigurtà.

12. (1) L-Awtorità għandha tagħmel, għallinqas minn kull tlieta sa ħames snin, spezzjonijiet ta' sigurtà fir-rigward tat-toroq arterjali u distributorji kollha li jkunu qegħdin jintużaw fuq in-netwerk tat-toroq nazzjonali biex tidentifika l-fatturi relatati mar-riskji ta' sigurtà tat-toroq u biex tipprevjeni l-aċċidenti.

(2) L-ispezzjonijiet ta' sigurtà għandhom isiru wkoll waqt xogħlijiet ta' toroq fuq in-netwerk tat-toroq nazzjonali.

(3) Spezzjonijiet bħal dawk għandhom jinkludu spezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq u stħarriġ dwar l-impatt li jista' jkun hemm minn xogħlijiet fit-toroq fuq is-sigurtà tal-fluss tat-traffiku u għandhom ikunu bbażati fuq linji gwida adottati mill-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tadotta linji gwida fuq miżuri ta' sigurtà temporanji li jkunu japplikaw għal xogħlijiet f'toroq u għandha wkoll timplimenta skema ta' spezzjoni kif ikun adatt biex tiżgura li l-linji gwida jkunu qegħdin jiġu applikati kif imiss.

(5) L-ispezzjonijiet għandhom isiru minn gruppi ta' persuni mmexxija minn espert imħarreġ fis-sigurtà li la kienu u lanqas se jkunu involuti fid-disinn jew kostruzzjoni ta' triq li fuqha tkun se ssir spezzjoni skont dan ir-regolament.

(6) Espert fis-sigurtà tat-toroq għandu jkollu l-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fid-disinn tat-toroq, is-sigurtà tat-toroq, l-inġinerija tat-traffiku u l-analiżi tal-aċċidenti.

(7) L-espert fis-sigurtà għandu jħejji rapport formali dwar il-materji ta' sigurtà li jkunu sabu u dwar rakkomandazzjonijiet ġenerali biex jiġu eliminati jew jitnaqqsu l-problemi.

TAQSIMA III
TOROQ F'POSTIJIET ABITATI

Wisa' ta' toroq f'postijiet abitati.

13. (1) Kull triq ġdida f'post abitat jew kull triq magħmula biex tagħmel sehem minn post abitat li 'l quddiem jista' jinbena, għandha tkun mill-anqas tmien metri wiesgħa:

Iżda l-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Aġenzija u l-Awtorità, tista' tordna li kull triq bħal dik għandha tkun ta' wisa' iżjed minn tmien metri imma mhux iżjed minn tmintax-il metru.

(2) Fejn triq eżistenti f'post abitat tkun se tiġi estiża, il-wisa' minima tat-triq tista', bil-permess tal-Awtorità għall-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Aġenzija u l-Awtorità, titnaqqas għal sitt metri.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Pendil, direzzjoni u pożizzjoni ta' toroq ġodda f'postijiet abitati.

14. Ebda triq ġdida f'post abitat, u lanqas ebda triq magħmula bil-ħsieb li tagħmel sehem minn post abitat li 'l quddiem jista' jinbena, ma tista' ssir mingħajr qabel ma tittieħed l-approvazzjoni għaldaqshekk mingħand l-Awtorità għall-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Aġenzija u l-Awtorità, għal dak li hu pendil, direzzjoni u pożizzjoni tagħha, u dwar il-mod li bih id-djar li jmissu magħha għandhom ikunu provduti bid-drenaġġ u bl-ilma u kif l-ilma tal-wiċċ għandu jitferragħ.

Hu meħtieġ permess għall-ftuħ ta' triq f'post abitat.

15. Triq ġdida f 'post abitat jew f'post li 'l quddiem jista' jinbena jistgħu jinfetħu biss bil-permess tal-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Aġenzija u l-Awtorità, u l-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar tista' ma tagħtix permess għall-ftuħ ta' triq bħal dik:

Iżda meta ma jingħatax permess bħal dak, il-parti aggravata jkollha dritt tappella minn dik id-deċiżjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Kap. 522.

Tlugħ ta' bini f'toroq ġodda.

16. Ebda bini li jmiss ma' triq ġdida f'post abitat ma jista' jinbena qabel ma t-triq tiġi invellata sewwa mal-linja kif mogħtija mill-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar, b'konsultazzjoni mal-Aġenzija u l-Awtorità. It-tul tat-triq li għandha tiġi hekk invellata għandu jibda minn triq li diġà hemm u li tkun diġà miftuħa għall-pubbliku, u għandu jibqa' sejjer sal-aħħar tarf tal-faċċata tal-bini li jkun se jsir.

Sehem li għandu jitħallas minn persuni li jibdew itellgħu bini li jagħti għal fuq triq li tkun tal-Gvern.

17. (1) (a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 13, 14, 15 u 16, l-ebda persuna ma tista' tibda l-kostruzzjoni ta' xi bini li jkollu aċċess għal, jew xi tieqa jew ftuħ ieħor għal fuq, xi triq li tkun tal-Gvern qabel ma tħallas lill-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar, dwar il-formazzjoni ta' dik it-triq, kontribuzzjoni daqs kemm tiġi tiswa, kif fiż-żmien tal-ħlas tal-kontribuzzjoni, tal-formazzjoni ta' dik it-triq (dak il-kost għandu jinkludi l-valur, kif fiż-żmien tal-ħlas tal-kontribuzzjoni, tal-art meħtieġa għall-formazzjoni tat-triq) jew qabel ma tħallas lill-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar mill-anqas ħamsa u għoxrin fil-mija ta' dik il-kontribuzzjoni u fl-istess ħin tobbliga ruħha bil-miktub li tħallas il-bilanċ għeluq perjodu ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar b'rati indaqs fix-xahar, li jibdew fi żmien xahar mid-data ta' dak il-ħlas u obbligu:

Iżda meta l-art fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat tat-triq tkun tappartjeni lil sidien differenti l-kontribuzzjoni totali għandha tiġi mqassma bejn dawk is-sidien bi proporzjon skont il-faċċata tal-art li tkun tappartjeni lil kull sid fuq dik it-triq, hekk illi l-kost kollu tat-triq jiġi mqassam bi proporzjon għal dik il-faċċata fost id-diversi sidien.

(b) Meta xi rata ta' xahar imsemmi fil-paragrafu (a)

VERŻJONI ELETTRONIKA

ma titħallasx għeluq għaxart ijiem mid-data meta l-ħlas ta' dik ir-rata jkun dovut, l-ammont kollu tal-kontribuzzjoni li ma jkunx għadu tħallas isir u jkun minnufih dovut u jkollu jingħata lill-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar u l-persuna li tkun għamlet l-obbligazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha titqies li tkun bdiet il-kostruzzjoni tal-bini bi ksur ta' dan ir-regolament.

(2) Kontribuzzjoni dwar il-kost tat-twessigħ ta' kull triq, f'kull żmien li jsir, tista' tintalab mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bħal fil-każ ta' triq ġdida u dik il-kontribuzzjoni tintalab biss lis-sid jew sidien li jkun jew ikunu kisbu benefiċċju minn dak it-twessigħ u għandha titqassam bi proporzjon tal-benefiċċju hekk miksub.

(3) Fejn xi triq li għaliha jgħodd dan ir-regolament tkun iżjed minn tmintax-il metru fil-wisa', il-kost tal-formazzjoni jew twessigħ tat-triq in eċċess ta' dak il-wisa' ma għandux jittieħed kont tiegħu biex tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni li għandha titħallas lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

(4) Kull kontribuzzjoni li għandha titħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u kull tqassim tagħha fost is-sidien għandha, f'nuqqas ta' ftehim, tiġi stabbilita mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:

Iżda kull min ikun interessat jista' jattakka l-likwidazzjoni tal-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar b'rikors quddiem il-qorti ċivili kompetenti.

(5) Ir-rati tal-kontribuzzjonijiet li jistgħu jintgħalbu għal kull klassi jew tip ta' bini u l-mod kif għandhom jinġabru għandhom ikunu dawk stabbiliti bir-regolamenti magħmula skont l-artikolu 42 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Kap. 552.

(6) Il-kontribuzzjonijiet mħallsa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikunu favur il-Gvern.

Rati għat-twittija eċċ., ta' toroq.

18. (1) Ir-rati li għandhom jintalbu mill-Aġenzija għat-twittija, u asfaltar tal-wiċċ jew xort'oħra tat-toroq għandhom ikunu dawk ordnati b'regolamenti taħt l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Kap. 499.

(2) Meta persuna tonqos milli tifforma triq kif provdut skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-Aġenzija tista' hi nnifisha tgħaddi biex tifforma dik it-triq wara li tagħti avviz tal-intenzjoni tagħha li tagħmel dan permezz ta' avviż fil-Gazzetta, u tagħti lil dik il-persuna ħmistax-il ġurnata biex tikkonforma ruħha ma' dan. Dik il-formazzjoni ssir bi spejjeż tal-persuna li kieku kienet

VERŻJONI ELETTRONIKA

xort'oħra tkun obbligata li tifforma dik it-triq, u l-Awtorità jkollha l-jedd tirkupra kull nefqa hekk magħmulha mingħand dik il-persuna.

TAQSIMA IV
TOROQ PRIVATI

L-Aġenzija tista' tagħmel xogħlijiet f'toroq privati.

19. L-Aġenzija tista', f'kull żmien, tagħmel jew tara li ssir jew tippermetti li ssir f'kull jew taħt kull triq privata, kull xorta ta' xogħol illi jkun jidhrilha meħtieġ jew utli fl-interess pubbliku.

Twittija, eċċ, ta' triq privata mis-sid.

20. Kull triq privata ġdida għandha tiġi mwittija u miksija kif imiss u magħmula b'mod li tkun tajba għas-sewqan tal-ilma, mill-persuna li tkun fetħet dik it-triq, skont d-direttivi tal-Awtorità għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija. Barra minn dan, kull triq bħal dik għandha tiġi magħmula mill-imsemmija persuna b'bankini b'kurdun u b'dorga tal-ġebel tal-qawwi jew b'materjal ieħor tajjeb għaldaqshekk, li jkun jissodisfa lill-Aġenzija.

Iż-żamma ta' toroq privati.

21. Kull triq privata għandha tinżamm, mill-persuna li tkun fetħitha, fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li jissodisfa lill-Aġenzija.

Min jitqies li fetaħ triq u li huwa s-sid tagħha.

22. Is-sidien ta' kull proprjetà li tmiss direttament ma' triq privata jew il-persuni li jkollhom dik il-proprjetà b'enfitewsi, jitqiesu, għall-fini ta' din it-Taqsima, li huma l-persuni li fetħu dik it-triq u li huma s-sidien tagħha:

Iżda kull persuna li jkollha l-obbligu li tagħmel xi xogħlijiet fi triq bħal dik għandha l-jedd ta' regress kontra terzi bil-mezz tal-azzjoni ċivili, mogħtija mil-liġi, sabiex titħallas lura ta' kull spiża li tkun għamlet dwar dawk ix-xogħlijiet:

Iżda wkoll, ebda azzjoni ċivili ma tista' iddewwem l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet mill-persuna obbligata li tagħmilhom.

Kisi, eċċ., ta' toroq privati.

23. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull ma jista' jsir xort'oħra skont il-liġi, l-Aġenzija tkun tista' tagħmel jew, skont il-każ, tissokta tagħmel ix-xogħlijiet kollha jew x'uħud mix-xogħlijiet imsemmija fir-regolamenti 20 u 21 wara li tkun bagħtet avviż lis-sid b'ittra reġistrata li tkun bi ħsiebha tagħmel hekk; dawk ix-xogħlijiet għandhom isiru bi spejjeż tal-persuna li tkun fetħet it-triq.

(2) Kull triq privata, kompriża l-bankina f'dik it-triq, għandha, wara li l-Awtorità tkun bagħtet lis-sid avviż b'ittra reġistrata, tiġi asfaltata jew miksija xort'oħra kif tgħid l-Awtorità, mill-Aġenzija, bi spejjeż tas-sid.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Kull wieħed mill-avviżi msemmija fiż-żewġ subregolamenti ta' qabel dan għandu jissemma fih l-ammont li s-sid għandu jħallas bħala sehmu min-nefqa dwar ix-xogħlijiet li jkun hemm il-ħsieb li jsiru.

(4) L-Aġenzija għandha tibgħat b'ittra reġistrata avviż tad-data li fiha jkunu ntemmu x-xogħlijiet imsemmija fis-suregolamenti (1) u (2) lis-sidien, li jkollhom iħallsu, kemm-il darba huma ma jkunux laħqu ħallsu qabel, l-ammont mistħoqq minnhom mingħajr imgħax, fi żmien xahar minn mindu jaslilhom l-avviż li x-xogħlijiet intemmu.

(5) Kull avviż mibgħut bil-posta reġistrata skont dan ir-regolament jitqies li jkun wasal għand il-persuna li lilha jintbagħat kif soltu jasal fit-tqassim tal-posta.

(6) It-toroq privati għandhom, meta dawk it-toroq ikunu inklużi fi skema jew fi pjan lokali -

(a) meta jiġu asfaltati jew jitlesta l-kisi xort'oħra tagħhom; u

(b) malli tiġi pubblikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tkun tordna dan,

isiru proprjetà tal-Gvern u minn dak il-waqt is-sidien ikunu meħlusin minn kull dmir ieħor li jieħu ħsieb dawk it-toroq.

(7) B'dak kollu li hemm f'xi dispożizzjoni oħra ta' liġi fis-sens kuntrarju, l-art li minn fuqha tgħaddi kull triq, jew parti minn triq, trasferita lill-Gvern skont is-subregolament (6) għandha, b'Ordni tal-President, tiġi meħlusa għal kollox minn kull privileġġ u ipoteka li sa dak iż-żmien kienu jolqtuha, mingħajr ħsara għall-kreditu sħiħ żgurat b'dak il-privileġġ jew b'dik l-ipoteka li għaliha jibqgħu jagħmlu tajjeb il-fdal tal-proprjetà li minnha dik l-art kienet tagħmel parti u fuq il-proprjetà l-oħra kollha milquta, jekk ikun hemm, tad-debitur. Dwar kull ħelsien bħal dak ma tkun tinħtieġ ebda riferenza jew reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

(8) (a) Jekk sid it-triq jonqos milli jħallas xi ammont li jkollu jagħti taħt is-subregolament (4) u fiż-żmien fih imsemmi, huwa, fuq hekk, ikollu jagħti bi ħlas barra mill-ammont hekk minnu mistħoqq l-imgħax bit-tmienja fil-mija fuq dak l-ammont minn meta x-xogħlijiet jintemmu sa dak in-nhar li jsir il-ħlas, u l-ispiża li tkun nefqet l-Aġenzija flimkien ma' dak l-imgħax fuqha jkunu kreditu privileġġ favur l-Aġenzija fuq il-proprjetà ta' dak is-sid li sew tagħti għal fuq it-triq, u dak il-kreditu għandu jitħallas bi preferenza għall-krediti l-oħra kollha, sew jekk privileġġati jew ipotekarji, fuq dik il-proprjetà, b'dak

VERŻJONI ELETTRONIKA

kollu li hemm f'xi dispożizzjoni oħra ta' liġi fis-sens kuntrarju.

(b) Dak il-jedd ta' preċedenza ma jkunx jista' jitwettaq kemm-il darba l-kreditu ma jkunx ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fi żmien xahrejn minn meta jkunu ntemmu x-xogħlijiet hawn qabel imsemmijin. F'nuqqas ta' xhieda fis-sens kuntrarju d-data tat-temm tax-xogħlijiet għandha titqies li tkun dik li tidher fin-nota tar-reġistrazzjoni tal-privileġġ.

Spejjeż magħmulin mill-Awtorità għandhom jinqasmu bejn is-sidien.

24. Għall-fini tal-iskrizzjoni u tal-ħlas ta' kull kreditu taħt ir-regolament 23, in-nefqa li tkun saret mill-Aġenzija għandha tiġi mqassma mill-Aġenzija bejn is-sidien skont il-qies tal-faċċata tal-art jew tal-bini ta' kull wieħed minnhom ma' tul it-triq:

Iżda kull wieħed mis-sidien jista' jattakka l-likwidazzjoni magħmula mill-Aġenzija b'rikors quddiem il-qorti ċivili kompetenti kontra l-imsemmija Aġenzija.

TAQSIMA V
ISMIJIET TA' TOROQ

Setgħa dwar it-tpinġija ta' ismijiet ta' toroq, eċċ. Kap. 363.

25. L-Aġenzija, l-Awtorità, u sal-limitu ta' kull responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali, b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta għall-Ippjanar, jistgħu jordnaw li l-isem li bih triq għandha tissejjaħ, kif ukoll l-isem tal-belt, subborg jew raħal li fihom it-triq tkun tinsab, u kull avviż jew sinjal ieħor li jkun jitqies utli biex juri fejn tieħu t-triq jew biex jagħmel twissijiet dwar kantunieri perikolużi, jew għal kull fini ieħor ta' interess pubbliku, jiġu impinġija jew imwaħħla u miżmuma fi stat li jistgħu jinqraw fuq il-ħitan ta' bini li ma jkunx bini maħsub bħala bini għall-qima ta' kult.

Isem mogħti lil triq privata.

26. Meta Kunsill Lokali jiddeċiedi dwar l-isem li bih għandha tkun magħrufa triq privata, dik it-triq għandha tibqa' triq privata.

Tismija ta' toroq.

27. Ħadd ma jista' jpinġi, jimmarka, jikteb jew iwaħħal fi triq miftuħa għall-pubbliku xi isem bħal dak li bih dik it-triq għandha tissejjaħ, jew xi isem ta' belt, subborg jew raħal, jew xi avviż jew sinjal bħal dak impinġi jew magħmul skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 25 mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità, jew tal-Kunsill Lokali responsabbli għal-lokalità li fiha tkun tinsab dik it-triq, skont il-każ, għalkemm dik it-triq ma tkunx proprjetà tal-Gvern.

Qerda, tneħħija jew tħassir ta' isem ta' triq, subborg jew raħal.

28. (1) Ħadd ma jista' jeqred, ineħħi jew jgħarraq l-isem ta' triq, belt, subborg jew raħal jew iżid xi kelma mal-isem li jkun ġie mogħti lit-triq, belt, subborg jew raħal jew jagħmel ħsara fil-materjal li fuqu jkun impinġi dak l-isem.

(2) Meta persuna tikser id-dispożizzjonijiet tas-subregolament

VERŻJONI ELETTRONIKA

(1), dik il-persuna tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u tista', meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' mitt euro (€100).

TAQSIMA VI
XOGĦLIJIET F'TOROQ

Permess meħtieġ.

29. (1) Mingħajr preġudizzju għal obbligi relatati għal xogħlijiet f'toroq taħt xi liġi jew regolamenti oħra fis-seħħ, ma jistgħu jsiru ebda xogħlijiet fi triq pubblika, jew taħfir taħt triq pubblika mingħajr permess mill-Awtorità, wara li din tkun ikkonsultat mal-Aġenzija jew Kunsill Lokali, skont il-każ, fejn dawn jistgħu jimponu ukoll xi kundizzjonijiet, kif stipulat hawn iżjed 'l isfel.

(2) L-applikazzjoni għal permess għandha ssir lill-Awtorità mill-applikant fuq il-formola preskritta u din għandha tkun akkumpanjata minn dik l-informazzjoni u dawk id-dokumenti meħtieġa mill-Awtorità, u mid-dritt li japplika kif imniżżel fl-Ewwel Skeda.

(3) Il-permess ikun validu għall-perijodu li jkun indikat fih u x-xogħol kollu jkun irid jitlesta għal kollox fil-perjodu tat-tlestija kif speċifikat fil-permess.

(4) L-Awtorità tista' ġġedded kull permess li l-validità tiegħu tkun skadiet malli l-utent ta' dak il-permess jippreżenta applikazzjoni għat-tiġdid tal-permess.

(5) Xogħlijiet f'toroq jistgħu jsiru biss mill-Kunsilli Lokali, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta, fornituri ta' servizzi ta' utilità u fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni u l-partijiet kollha involuti li għandhom f'kull stadju jsegwu l-Kodiċi ta' Prattika:

Iżda, l-ebda xogħolijiet ta' fornituri ta' servizzi ta' utilità u fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni jew kull kuntrattur ieħor tagħhom, ma jista' jibda' qabel il-ħruġ tal-permessi neċessarji mill-Awtorità, u l-liċenzja mill-Kunsill Lokali kkonċernat, kif sottolinejat fl-Att tal-Kunsilli Lokali:

Kap. 363.

Iżda wkoll, f'każijiet ta' xogħlijiet ta' emerġenza, l-Awtorità wara l-ħruġ tal-approvazzjoni u l-permess tax-xogħlijiet, għandha minnufih, qabel jibdew tali xogħlijiet, tinnotifika lill-Kunsill Lokali kkonċernat bix-xogħlijiet li se jkunu qed isiru.

(6) Meta xogħlijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (5) iseħħu, il-kuntrattur jew il-fornitur, skont il-każ, jista' teħel ammenda amministrattiva imponuta mill-Awtorità ta' elf

VERŻJONI ELETTRONIKA

euro (€1000) għal kull kontravvenzjoni, u dik il-multa tista' tingibed mill-garanzija bankarja.

Tipi ta' permessi.

30. (1) Għandu jkun hemm tliet tipi ta' permessi għal xogħol f'toroq kif ġej:

(a) Permess għal Xogħlijiet Maġġuri f'Toroq - RWP 1,

(b) Permess għal Xogħlijiet ta' Emerġenza f'Toroq - RWP 2,

(ċ) Permess għal Xogħlijiet Minuri, Manutenzjoni u Tiswija f'Toroq - RWP 3.

(2) Permess għal Xogħlijiet Maġġuri f'Toroq ikun ikopri xogħlijiet maġġuri li jinvolvu kull xorta ta' xogħlijiet f'toroq.

(3) Permess għal Xogħlijiet ta' Emerġenza ikun ikopri x-xogħlijiet ta' emerġenza kollha fit-toroq u jkun validu għal perjodu li ma jkunx jeċċedi tliet ijiem.

(4) Permess għal Xogħlijiet Minuri jkopri xogħlijiet żgħar.

Ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi għal xogħol fi triq.

31. (1) Applikazzjonijiet għall-ħruġ jew tiġdid ta' xi wieħed mill-permessi msemmija f'dawn ir-regolamenti ma jiġux ipproċessati mill-Awtorità fejn l-applikazzjoni -

(a) ma ssirx fuq il-formola preskritta,

(b) ma jkollhiex magħha d-dritt ta' ħlas stipulat, jew

(c) ma jkollhiex magħha l-informazzjoni u, jew dokumenti mitluba mill-Awtorità, kompriżi -

(i) kopja ta' ċertifikat ta' assigurazzjoni li jkun ikopri dawk ix-xogħlijiet,

(ii) pjanta kif xieraq tas-sit (estratt A4 mis-*survey sheet* tal-1988 qies 1.2500), iffirmata minn inġinier ċivili kwalifikat li tkun turi b'mod ċar il-post fejn ikunu ser isiru x-xogħlijiet proposti,

(iii) ftehim bil-miktub biex jitgħatta fejn ikun tħaffer u wiċċ it-triq jinġieb fl-istat oriġinali tiegħu skont speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità u skont il-kundizzjonijiet li jkunu speċifikati fil-permess, u

(iv) dawk ir-rekwiżiti li l-Awtorità tista' titlob.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Meta l-applikazzjoni tkun għal xogħlijiet ta' emerġenza f'toroq, il-permess jinħareġ wara li l-Awtorità tikkonferma l-emerġenza ta' dawk ix-xogħlijiet u toħroġ il-kondizzjonijiet marbuta ma' dak il-permess:

Iżda d-detentur tal-permess għandu jħallas dawk id-drittijiet għas-servizzi mogħtija mill-uffiċjal tal-Awtorità jew il-penalitajiet li hemm fl-Ewwel Skeda.

Kundizzjonijiet.

32. (1) Meta l-Awtorità toħroġ permess taħt dawn ir-regolamenti, hija tista' tehmeż mal-permess dawk il-kondizzjonijiet li taħseb li jkunu xierqa b'konjizzjoni għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), it-tipi ta' kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' tehmeż mal-permess taħt l-imsemmi subregolament jinkludi kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma', iżda mhux limitatament għal -

(a) ġranet li fihom ma jkunux jistgħu jsiru x-xogħlijiet;

(b) ħinijiet tal-ġurnata li fihom ma jkunux jistgħu jsiru x-xogħlijiet;

(ċ) il-projbizzjoni jew restrizzjoni tat-traffiku;

(d) arranġamenti li jkollhom isiru għall-maniġġar tat-traffiku b'rabta max-xogħlijiet kif imsemmi fit-Tieni Skeda;

(e) il-mod li fih ix-xogħlijiet imsemmija għandhom isiru;

(f) konsultazzjoni u pubbliċità dwar ix-xogħlijiet imsemmija, kompriż il-wiri ta' informazzjoni fil-post fejn ikunu qegħdin isiru x-xogħlijiet;

(g) konformità sħiħa mal-linji gwida u l-linji ta' politika pubblikati minn żmien għal żmien mill-Awtorità; u

(h) il-kondizzjonijiet dwar kif għandhom isiru x-xogħlijiet u, jew dwar ir-responsabbiltà ta' difetti:

Iżda l-Awtorità tista' timponi kull kundizzjoni oħra wara konsultazzjoni mal-Aġenzija jew il-Kunsill Lokali, skont il-każ.

(3) Meta kuntrattur jagħmel xogħlijiet bi ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet li jkunu ġew mehmuża mal-permess jew bi ksur ta' xi ordni li l-Awtorità tista' tagħti, l-Awtorità, jekk tħoss li jkun xieraq li tagħmel hekk, tista' tirrevoka jew tissospendi l-permess skont ma jkun il-każ, u l-kuntrattur jeħel multa amministrattiva ta' ħamsin

VERŻJONI ELETTRONIKA

euro (€50) għal kull kontravvenzjoni, u dik il-multa tista' tinġibed mill-garanzija bankarja:

Iżda fejn il-kontravvenzjoni tkun bi ksur ta' xi kondizzjoni dwar il-maniġġar tat-traffiku, il-multa amministrattiva għandha tkun skont dawk li hemm fit-Tieni Skeda.

Rifjut tal-għoti ta' permess.

33. (1) Meta l-Awtorità tirrifjuta li toħroġ permess, hi għandha permezz ta' avviż bil-miktub, fi żmien sebat ijiem, tgħarraf lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha u bir-raġunijiet tagħha għal dik id-deċiżjoni.

(2) Meta applikazzjoni tiġi rifjutata, l-applikant jista', fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mid-data ta' dak l-avviż, jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif provdut taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

L-Aġenżija tista' tikkuntratta xi xogħlijiet maġġuri.

34. (1) L-Aġenzija għandha s-setgħa li tikkuntratta xogħlijiet maġġuri f'toroq meta dawk ix-xogħlijiet ikunu se jiġu kommissjonati minn fornitur ta' servizzi ta' utilità li jkun jappartjeni lill-Gvern.

(2) Meta xogħlijiet bħal dawk jiġu kuntrattati mill-Aġenzija, dan għandu jsir f'isem u bi spiża ta' dak il-fornitur ta' servizzi ta' utilità.

Tħaris tat-traffiku u dawk li jużaw it-triq.

35. (1) L-Awtorità għandha, qabel ma tagħti permess għal xogħlijiet f'toroq, tapprova pjan xieraq u li joffri sigurezza għall-immaniġġar tat-traffiku li jitħejja mid-detentur tal-proġett u, jew l-applikant dwar dawk ix-xogħlijiet u tiżgura li dak il-pjan ikun ser jiddaħħal fis-seħħ u jibqa' jitħaddem, u dak il-pjan għandu jinkludi iżda mhux limitatament għal, barrikati mdawlin, dwal ta' twissija, jew apparat ta' twissija, u senjaletika kif ikun meħtieġ biex ma titħalliex li ssir ħsara jew korriment lil persuni, vetturi u proprjetà u biex jitnaqqsu l-inkonvenjent u l-periklu għall-pubbliku mill-imsemmija xogħlijiet f'toroq.

(2) Dak il-pjan għall-immaniġġar tat-traffiku u l-miżuri meħtieġa jsiru bi spiża tal-applikant.

(3) L-applikant għandu jassigura li l-kuntrattur jħaddem il-pjan għall-ġestjoni tat-traffiku matul il-perijodu kollu li fih ikunu qegħdin isiru x-xogħlijiet. Fin-nuqqas ta' dan, il-kuntrattur jeħel il-multa msemmija fit-Tieni Skeda, u dik il-multa tista' tinġibed mill-garanzija bankarja, bla ħsara għal kull azzjoni oħra li l-Awtorità tkun tista' tieħu, kompriża l-irtirar tal-garanzija bankarja u s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni għal xogħlijiet oħra fit-toroq fil-futur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Responsabbiltà għal ħsarat.

36. Kuntrattur li jkun qiegħed jagħmel xogħol fi triq għandu jikkumpensa lil partijiet terzi għal xi ħsarat jew telf li t-terzi partijiet jistgħu jsofru kawża tax-xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru fit-triq:

Iżda dik ir-responsabbiltà ma testendix għal ħsara jew telf li tkun attribwita għal negliġenza jew kondotta ħażna min-naħa tal-persuna li ssofri l-ħsara jew telf.

37. (1) Meta fi triq isiru xogħlijiet ta' taħfir, il-kuntrattur ikun meħtieġ jirristawra t-triq skont il-kondizzjonijiet li jkollu mal-permess.

(2) Meta l-kuntrattur jonqos milli jirristawra t-triq kif rikjest fis-subregolament (1), il-kuntrattur jew il-fornitur ta' servizz, skont il-każ, jista' jeħel ammenda amministrattiva imponuta mill-Awtorità sa' massimu ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), u din il-multa tista' tinġibed mill-garanzija bankarja.

Ċertifikazzjoni ta' xogħlijiet f'toroq.

38. (1) Kuntrattur li jagħmel xogħlijiet f'toroq għandu, meta jlesti dawk ix-xogħlijiet, jippreżenta lill-Awtorità fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jkun lesta x-xogħol, rapport ta' konformità dwar ix-xogħlijiet, wara li ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-entità kontraenti.

(2) L-Awtorità għandha tinforma lill-Aġenzija bil-ħruġ taċ-ċertifikat ta' konformità.

(3) Xogħlijiet maġġuri u ta' emerġenza f'toroq għandhom, meta jitlestew, jiġu spezzjonati minn laboratorju indipendenti u akkreditat li jkun rikonoxxut mill-Awtorità.

(4) Minbara t-test li għandu jsir skont ma jissemma fis-subregolament (2), u abbażi tal-istess testijiet fejn ikun japplika, xogħlijiet maġġuri u ta' emerġenza f'toroq għandhom jiġu ċertifikati minn Perit li jkollu *warrant* fir-rigward tal-konformità tagħhom ma' livelli u speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-Awtorità fir-rigward tal-aspetti kollha, kompriżi iżda mhux esklusivament, materjal użat, ħila fix-xogħol, u xi rekwiżiti oħra dwar kif ikollu jsir ix-xogħol stipulat f'livelli li jkunu japplikaw. Ikun biss meta tinħareġ ċertifikazzjoni pożittiva bħal dik li l-Awtorità toħroġ ċertifikat b'konferma li dawk ix-xogħlijiet ikunu saru kif mixtieq minnha.

(5) Ix-xogħlijiet biex it-triq tinġieb lura għal li kienet għandhom ikunu soġġetti għal garanzija ta' sentejn, sakemm ma jintalabx xort'oħra.

(6) Meta l-Awtorità ma tkunx sodisfatta bir-restawr u l-kisi mill-ġdid tat-triq, il-kuntrattur ikollu jagħmel dawk ix-xogħlijiet mill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġdid għas-sodisdazzjon tal-Awtorità, u fejn il-kuntrattur jonqos li jikkonforma ruħu, l-Awtorità tista' titlob lill-Aġenzija tagħmel dawk ix-xogħlijiet hi bi spejjeż tal-kuntrattur innifsu.

(7) L-Awtorità teskludi minn xogħlijiet f'toroq, għal perjodi ta' żmien stabbiliti minn qabel ta' mhux anqas minn sitt xhur konsekuttivi, kuntratturi li b'mod konsistenti jonqsu minn dik il-konformità.

Ħlasijiet għal xogħlijiet li jtawlu.

39. Kuntratturi għandhom iħallsu bejn ħamsin euro (€50) u ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata, jew parti minnha, meta ż-żmien li fih idumu biex jitlestew ix-xogħlijiet fi triq jeċċedi mingħajr raġuni ġustifikata l-perijodu tat-tkomplija speċifikat. Dawk il-ħlasijiet huma dawk preskritti fit-Tieni Skeda.

Projbizzjoni ta' xogħlijiet li ma jkunux awtorizzati.

40. (1) Ikun reat li persuna tagħmel, jew iġġiegħel jew tippermetti li jsiru, xogħlijiet f'toroq li ma jkunux awtorizzati.

(2) F'każ ta' reat taħt is-subregolament (1) l-Awtorità għandha, bil-ħruġ ta' avviż ta' twaqqif, tordna lil dik il-persuna biex twaqqaf minnufih dawk ix-xogħlijiet u li tieħu l-passi li jkunu jidhru li huma meħtieġa biex, fi żmien mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa, iġġib it-triq lura għal li kienet, u jekk tonqos li tagħmel hekk l-Awtorità tagħmel dawk ix-xogħlijiet hi bi spiża tal-persuna involuta.

(3) F'każ ta' dewmien aktar mil-limitu impost taħt is-subregolament (2) biex it-triq tinġieb lura għal li kienet, il-persuna li tkun għamlet dawk ix-xogħlijiet mhux awtorizzati kif ukoll il-persuna li f'isimha jew li b'talba tagħha jkunu saru dawk ix-xogħlijiet jeħlu piena amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li t-triq iddum ma tinġieb lura għal li kienet.

(4) L-Awtorità m'għandhiex tikkunsidra applikazzjoni oħra mingħand dik l-istess persuna jew persuni biex jagħmlu xi xogħlijiet oħra sakemm dik it-triq ma tkunx inġiebet lura għal li kienet mill-persuna jew mill-persuni involuti jew, fejn ix-xogħlijiet biex it-triq tinġieb lura għal li kienet isiru mill-Aġenzija, sakemm jitħallsu l-ispejjeż u l-pieni kollha.

(5) L-Awtorità m'għandhiex tidħol f'negozjati mal-persuna jew persuni konċernati sakemm dik il-persuna jew persuni ma jikkonformawx mal-ordni mogħtija taħt is-subregolament (2).

TAQSIMA VII
DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

Għeluq ta' toroq waqt tiswijiet.

41. L-Awtorità tista' tagħi ordnijiet u tagħmel dak li jkun meħtieġ biex tingħalaq triq u tinżamm il-mogħdija minnha waqt li tkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

qiegħda ssir, titbiddel, tissewwa jew titneħħa, jew waqt li f'dik it-triq ikun qiegħed isir gandott, kanal jew xogħol ieħor pubbliku.

Xogħlijiet li jistgħu jġibu xkiel jew periklu fit-toroq.

42. Ħadd ma jista', mingħajr il-permess tal-Awtorità u, il-liċenza neċesarja tal-Kunsill Lokali relattiv, jibni jew jagħmel ebda ħaġa fit-toroq li tista' ġġib xkiel jew periklu jew inkomodu lill-pubbliku, inkella jħalli, wara li jiġi mwissi mill-Pulizija jew minn uffiċjal tal-komunità, bini jew opri oħra fi stat ta' tiġrif jew ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor.

Irpar waqt tiswija jew bini.

43. Kull min ikun irid iħott, jibni, ibiddel jew isewwi bini b'mod illi jkun meħtieġ li l-materjal tal-bini jitqiegħed fit-triq, jew b'mod illi jista' jkun kaġun ta' ħsara, periklu, jew ta' xkiel, għandu, qabel ma jibda x-xogħol, iqiegħed irpar biżżejjed tajjeb biex jifred mit-triq il-bini li fih kienu sejrin isiru dawk ix-xogħlijiet, u jħalli wisa' biżżejjed għall-mogħdija, u għandu jżomm dak l-irpar u dik il-wisa' fi stat tajjeb għaż-żmien kollu li jkun meħtieġ għas-sigurtà jew kumditá tal-pubbliku; u għandu, fil-każi kollha, meta meħtieġ sabiex ma jsirux disgrazzji, iqiegħed dwal biżżejjed matul il-lejl.

Ma jistax jitħalla materjal jew xkiel ieħor fi triq għal żmien aktar milli meħtieġ.

44. Dwal biżżejjed għandhom ukoll jitqiegħdu, matul il-lejl, fuq jew ħdejn il-materjal poġġut fi triq, mill-persuna li tkun xeħtet hemm dak il-materjal, fiż-żmien li jkun isir xi bini, tiswija jew taħfir.

45. Ħadd ma jista' jħalli fi triq materjal ta' bini jew xkiel ieħor għal żmien aktar milli jkun meħtieġ; u kull meta jiġri dan, il-prova illi ma jkunx għadda aktar żmien milli meħtieġ għandha tagħmilha l-persuna li tkun ġiegħlet li jinxeħet hemm dak il-materjal jew xkiel ieħor.

Ftuħ f'wiċċ l-art jew f'bankina li jagħtu għall-kantini, eċċ., għandu jitgħatta.

46. (1) Kull ftuħ f'wiċċ l-art jew f'bankina ta' triq, li jagħti għal sotterran bil-ħnejjiet, għal kantina, jew għal post ieħor taħt l-art, għandu jitgħatta b'bieb jew b'xi għata ieħor tajjeb, u dak il-bieb jew għata għandhom jinżammu mis-sid fi stat tajjeb.

(2) Minkejja, meta dan is-sotterran, kantina, jew post ieħor taħt l-art ikunu ddestinati sabiex joqogħdu n-nies fihom, ikun biżżejjed li jsir, max-xfar tal-ftuħ, irpar tajjeb għas-sigurtà tal-pubbliku, meta dan jista' jsir mingħajr ma jġib xkiel kbir fit-triq.

Bini mill-ġdid ta' ħajt imwaqqa' fuq triq.

47. Id-detentur ta' fond għandu jibni mill-ġdid, mingħajr dewmien, il-ħajt ta' dak il-fond li jkun waqa' għal fuq it-triq, jew il-ħajt diviżorju bejn fond u triq, li, skont il-fehma tal-Awtorità, ikun jeħtieġ illi jerġa' jinbena.

Pieni.

48. (1) Persuna li twettaq reat taħt ir-regolament 39(1) jew taħt ir-regolament 41 tista', meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' elf u ħames mitt euro (€1,500).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Jekk meta jitlesta xogħol li dwaru jkun inħareġ permess, il-kuntrattur ma jerġax iġib kollox lura għal li kien fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mit-tlestija, jew f'dak iż-żmien itwal li jista' jiġi mħolli fil-permess, jew inkella t-tqegħid ta' kollox lura għal li kien ma jsirx sew, l-Awtorità tista' titlob lill-Aġenzija treġġa' kollox lura għal li kien bi spejjeż tal-konċedent. Dawk l-ispejjeż biex jitreġġa' kollox lura għal li kien jistgħu jiġu rtirati mill-garanzija bankarja.

(3) Meta t-tqegħid ta' kollox lura għal li kien isir jew jiġi rimedjat mill-Awtorità, il-kuntrattur jibqa' responsabbli għal dak it-tqegħid ta' kollox lura għal li kien.

(4) L-applikant ikun solidalment responsabbli ma' min ikun għamel dawk ix-xogħlijiet biex jagħmel ix-xogħlijiet li jreġġgħu jġibu kollox lura għal li kien.

(5) Waqt it-twettiq ta' xogħlijiet, l-Awtorità tista' tagħti istruzzjonijiet oħra lill-kuntrattur relatati ma' xi waħda mill-kundizzjonijiet fil-permess billi jiżdiedu fil-permess. Fin-nuqqas li ma josservax l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Awtorità, il-kuntrattur jista' jeħel piena amministrattiva ta' ħamsin euro (€50) kull jum, mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed mill-Awtorità, kompriż l-irtirar tal-garanzija bankarja u s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni għal xogħlijiet fit-toroq fil-futur.

(6) Fejn persuna tikser xi dispożizzjoni oħra taħt dawn ir-regolamenti hi tista' teħel ammenda li ma tkunx anqas minn għoxrin euro (€20) iżda li ma tkunx iżjed minn elf u ħames mitt euro (€1,500).

Tħassir. L.S. 499.57.

49. Ir-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħthom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-EWWEL SKEDA
(Regolament 31)

Il-ħlasijiet li għandhom isiru lill-Awtorità għall-għoti ta' permess huma dawn li ġejjin:

Permess	**Drittijiet għall-ipproċessar**	
RWP1 Permess għal Xogħlijiet Maġġuri f'Toroq	(a) Xogħlijiet, li ma jkunux jeċċedu tul ta' 10 metri, li jkunu ser jsiru f'toroq lokali jew residenzjali	€150
	(*b*) Xogħlijiet, li jkunu jeċċedu tul ta' 10 metri, li jkunu ser jsiru f'toroq lokali/ residenzjali …….....	€250
	(*ċ*) Xogħlijiet li jkunu ser jsiru f'toroq distributorji u arterjali	€250
	(*d*) Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq	€500
RWP2 Permess għal Xogħlijiet ta' Emerġenza f'Toroq	(*a*) Għal kull permess RWP 2 maħruġ	€60
	(*b*) Għal servizzi mogħtija mill-uffiċjali tal-Awtorità li jissejjaħ fil-post, għal kull siegħa jew parti minnha	€60
	(*ċ*) Piena fejn l-uffiċjal tal-Awtorità jissejjaħ għal emerġenzi li jkunu foloz	€500
RWP3 Permess għal Xogħlijiet Minuri, Manutenzjoni u Tiswija f'Toroq	(*a*) Xogħlijiet f'toroq residenzjali [eskluži dawk ix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu (*b*) tat-tifsira "xogħlijiet minuri"	€10
	(*b*) Xogħlijiet f'toroq arterjali jew distributorji [eskluži dawk ix-xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu (*b*) tat-tifsira "xogħlijiet minuri" fir-regolament 2]	€25
	(*ċ*) Xogħlijiet f'isem l-Awtorità u dawk imsemmija fil-paragrafu (*b*) tat-tifsira "xogħlijiet minuri" fir-regolament 2	Xejn

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA
(Regolamenti 32, 38)

KLASSIFIKAZZJONI TA' IMMANIĠĠAR TAT-TRAFFIKU WAQT XOGĦLIJIET FIT-TOROQ				
Nru	Partita	Rekwiżiti minimi	Rekwiżiti *standard*	Piena għall-ksur
1	TM A - Xogħlijiet fit-toroq kollha li bl-ebda mod ma jaffettwaw it-traffiku			
1.1	Xogħlijiet li jsiru f 'bankina	1. Tipprovdi aċċess temporanju għal min juża t-triq bil-mixi (Rotta bla periklu għal min juża t-triq bil-mixi) 2. Approvazzjoni mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta għal tfixkil fejn in-nies jaqsmu t-triq jew fejn in-nies jużaw it-triq bil-mixi	1. Arranġamenti temporanji għall-Maniġġar tat-Traffiku skont: Sigurezza waqt Xogħlijiet f'Toroq Abitati u Xogħlijiet ta' Toroq - Kodiċi ta' Prattika 2. Manwal dwar Sinjali tat-Traffiku Kapitolu 8 Volum 1 Miżuri dwar Sigurtà tat-Traffiku u Sinjali għal Xogħlijiet fit-Toroq u Sitwazzjonijiet Temporanji 3. Makkinarju tal-Kostruzzjoni li ma jfixkilx il-karreġġata 4. Programm tax-xogħlijiet	€50
1.2	Xogħlijiet li jsiru fl-inħawi ta' kaxxa għall-ipparkjar, li ma jkunux jaffettwaw it-traffiku			
2	TM B - Xogħlijiet fuq karreġġati tat-traffiku fit-toroq KOLLHA li parzjalment ifixklu t-traffiku, għalkemm jibqa' għaddej it-traffiku			
2.1	Xogħlijiet fuq karreġġati tat-traffiku	1. Tipprovdi aċċess temporanju għal min juża t-triq bil-mixi (Rotta bla periklu għal min juża t-triq bil-mixi) Arranġamenti temporanji għall-Maniġġar tat-Traffiku skont il-Kodiċi 2. Approvazzjoni mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta għal tfixkil fejn in-nies jaqsmu t-triq jew fejn in-nies jużaw it-triq bil-mixi	1. Pjan dwar il-Maniġġar tat-Traffiku fejn ikunu se jsiru x-xogħlijiet 2. Ħtieġa ta' Infurzar 3. Programm ta' Xogħlijiet 4. Makkinarju tal-Kostruzzjoni li ma jfixkilx il-karreġġata	€100
2.2	Xogħlijiet fuq *centre-strips*, fix-xifer tat-triq, *roundabouts* u f'salib it-toroq eċċ.			
3	TM C -Xogħlijiet fit-toroq KOLLHA li jkunu se jaffettwaw it-traffiku, kompriż tfixkil parzjali jew sħiħ, u fejn ikunu meħtieġa devjazzjonijiet tat-traffiku			
3.1	Xogħlijiet fuq karreġġjati li jfixklu għal kollox it-traffiku f'toroq arterjali, distributorji, toroq li jorbtu waħda mal-oħra, u toroq oħra (kif meħtieġ)	1. Tipprovdi aċċess temporanju għal min juża t-triq bil-mixi (Rotta bla periklu għal min juża t-triq bil-mixi) Arranġamenti temporanji għall-Maniġġar tat-Traffiku skont il-Kodiċi 2. Approvazzjoni mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta għal tfixkil fejn in-nies jaqsmu t-triq jew fejn in-nies jużaw it-triq bil-mixi	1. Pjan dwar il-Maniġġar tat-Traffiku fejn ikunu se jsiru x-xogħlijiet 2. Pjan dwar il-Maniġġar tat-Traffiku tal-inħawi kollha 3. Ħtieġa ta' Infurzar 4. Programm tax-Xogħlijiet 5. Makkinarju tal-Kostruzzjoni li ma jfixkilx il-karreġġata	€300

VERŻJONI ELETTRONIKA

4	TM D - Proġetti ta' Żvilupp (industrijali, residenzjali, kummerċjali) li jkollhom impatt fuq toroq eżistenti li jmissu magħhom			
4.1	Xogħlijiet fuq proġetti ta' Żvilupp li jkollhom impatt fuq il-karatteristiċi tat-toroq eżistenti li jmissu magħhom	1. Tipprovdi aċċess temporanju għal min juża t-triq bil-mixi (Rotta bla periklu għal min juża t-triq bil-mixi) Arranġamenti temporanji għall-Maniġġar tat-Traffiku skont il-Kodiċi 2. Approvazzjoni mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta għal tfixkil fejn in-nies jaqsmu t-triq jew fejn in-nies jużaw it-triq bil-mixi	1. Impatt fuq tibdil fil-volum tat-traffiku, fuq kif jimxi soltu t-traffiku, taħlita ta' vetturi, ambjent tat-triq 2. Pjan dwar il-Maniġġar tat-Traffiku tal-inħawi fejn ikunu se jsiru x-xogħlijiet ta' Żvilupp 3. Programm tax-Xogħlijiet 4. Makkinarju tal-Kostruzzjoni li ma jfixkilx il-karreġġata	€500

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIELET SKEDA
(Regolament 2)

In-netwerk tat-toroq trans-Ewropew fil-Ġurisdizzjoni tal-Awtorità

